# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-6 t' Ottubru, 2016

Appell Nru: 34/2015

**Il-Pulilja**

**Vs**

**Anthony Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Anthony Spiteri, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 162660M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Lulju, 2011, ghall-habta tal-16.50hrs f'dawn il-Gzejjer Maltin, permezz ta' network jew apparat ta' telekomunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jghamel xi gwadann jew bil-hsieb li jgieghel lil Audrey Spiteri taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha jew biex immalafama lil jew xi persuna ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-27 ta' Jannar, 2015, li biha wara li rat l-artikolu 451(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil imputat, Anthony Spiteri hati u minflok infliggiet piena imponiet ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat taht l-artikolu 412(c) tal-Kap 9.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Spiteri, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lill-din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-kwistjoni odjerna titratta dwar allegat uzu hazin ta' apparat ta' telefonija mill-appellant meta huwa cempel lill-martu u heddidha f'kaz li jerga' jaraha f'xi post ta' divertiment matul il-lejl meta suppost kienet qed tiehu hsieb lill-uliedu li skond hi ma kienux jifilhu. L-ewwel Qorti rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti, sabet htija fl-appellant;

2. Bl-ewwel gravami tal-appellant, din il-Qorti tifhem illi huwa jilmenta mid-decizzjoni tal-ewwel Qorti billi din qatt ma setghet tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha, igifieri li temmen lill-kwerelanta, bil-konsegwenza li sabitu hati. Jargumenta l-appellant illi l-verzjoni tal-kwerelanta mhix wahda veritier u ma kienx jimmerita li tkun emnuta;

3. Ezaminati l-atti in rigward jemergi illi fl-1 ta' Lulju 2011 l-kwerelanta ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija Zabbar li ftit tal-hin qabel kienet irceviet telefonata minghand l-ex-ragel taghha u qalilha s-segwenti diskors riprodott mix-xhud WPS 198 fl-affidavit taghha: "Issa gawdi lit-tfal, hazin ghalik jekk narak barra meta tohrog ma'

shabek bhal numero uno, ghax nibda nghid li qeghda tabbanduna lit-tfal, u ma nhallikx kwieta". Tirraporta l-istess Surgent illi l-kwerelanta lmentat maghha li kien hassha mhedda b'din it-telefonata u li l-motivazzjoni taghha aktarx kienet li l-gurnata ta' qabel kienet inghatat sentenza ta' annullament taz-zwieg taghhom u wara li kienet intavolat rikors minhabba l-access tat-tfal wara li kien ircieva l-avviz tal-Qorti kif ukoll ghall fatt li dak iz-zmien l-access kien mizmum;

4. Quddiem l-ewwel Qorti, l-kwerelanta xehedet hekk dwar il-kontenut tat-telefonata: "Isma jekk jiena nsibek jew in-Numero Uno jew narak il-Marakesh hazin ghalik ghax inti qed tabbanduna t-tfal, nigi ghalik, inzommok u ngiblek il-pulizija ghalik". Fid-deposizzjoni tieghu, l-appellant jikkonferma li huwa cempel lil-kwerelanta izda jichad il-kontenut taghha. Jghid illi ghamel dan ghaliex l-kwerelanta kienet ilha ma ttih access ghat-tfal ghal-gimghatejn shah kontra d-digrieti vigenti tal-Qorti. Mistoqsija ghaliex , l-kwerelanta wiegbet illi t-tfal kienu morda u ghalhekk l-appellant rrisponda li allura kien messha toqghod id-dar maghhom u mhux tkun barra fil-postijiet tad-divertiment fis-saghtejn ta' filghodu. L-appellant spjega quddiem l-ewwel Qorti illi omm il-kwerelanta hija mara anzjana hafna u marida u trid tiehu hsieb lill-zewgha li huwa afflitt minn problema ta' mobilita'. Inoltre, fl-1 ta' Lulju, kif jemergi mid-dokumenti minnu esebiti, huwa kien ghad ghandu access ghall-uliedu u kien biss fid-19 ta' Lulju li l-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) nehhiet dan l-access b'mod temporanju sakemm ikun evalwa u deciz ir-rikors tal-kwerelanta;

5. L-ewwel Qorti kienet indubjament rinfaccata b'konflitt fil-provi u fis-sentenza taghha kkonkludiet hekk: "Ghalhekk wara li semghet iz-zewg partijiet kif ukoll il-provi dokumentarji l-ohra thoss li l-aktar verzjoni kredibbli hi dik tal-parte civili li jinkwadra u fl-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat..." Jokkorri ikun mfakkar in rigward dak kostantement ritenut mill-Qrati taghna, illi din il-Qorti, bhala Qorti ta' Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament u l-konkluzzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti hlief jekk tkun konvinta li dik l-ewwel qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha,

ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost skorta ta' sentenzi ohra **Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996**). Principju daqstant iehor importanti regolanti l-appell in mertu hu dak li "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux*" (**ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.0703** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et App. Krim 19.10.2006** fost diversi ohrajn);

6. Issa, fil-kaz odjern, wara li ezaminat bir-reqqa l-atti processwali kollha, din il-Qorti mhix konvinta, bhalma ukoll ma kienx konvint l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet orali tieghu, li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. L-kwerelanta ma kienet xejn konvincenti fil-mod kif xehedet u d-dokumenti esebiti, kontra dak li qalet l-ewwel Qorti, xejn ma huma ta' soljev ghad-dikjarazzjoni tal-istess kwerelanta. Meta l-Qorti tasal biex temmen verzjoni minn ohra ikun jehtieg ricerka u referenza ghall-dawk l-atti kollha cirkondanti l-kwistjoni quddiemha. Dan jinkludi c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-motivazzjoni li setghet wasslet lil dik il-persuna tixhed b'dak il-mod. Issa meta tqis illi l-kwerelanta infurmat lill-pulizija li l-access kien mizmum mill-Qorti, meta dan ma kienx minnu, li ghal gimghatejn shah cahhdet l-access tal-appellant ghall-uliedu fuq il-premessa li dawn kienu morda ghal-matul dak il-perjodu kollu u fl-istess waqt lil-Pulizija qaltilhom li t-tfal huma "under stress" u mhux ghalhekk necessarjament morda; meta kienet barra f'post ta' divertiment f'dawk il-hinijiet tal-lejl ossia kmieni filghodu meta ommha u missierha ma min thallew it-tfal huma nies li jehtigilhom huma l-ghajnuna; meta kien l-istess appellant li kien rraporta li l-kwerelanta ma kienitx qed thallih jara lit-tfal; meta ftehemet mal-Pulizija, wara rapport, li turih it-tfal nhar il-jum tal-Hadd li kien imiss u minkejja dan xorta wahda ma zammitx kellmtha; meta mhux minnu li kien hemm ordni ta' tnehhija ghall-access izda l-

ordni kienet ghall-access taht supervizzjoni liema ordni inghatat fid-19 ta' Lulju 2011 igifieri 18-il jum wara l-allegata telefonata u wara li l-kwerelanta infurmat lill-Pulizija li l-access kien mizmum. L-access verament kien mizmum, mhux izda mill-Qorti, izda mill-kwerelanta arbitrarjament. Ghalhekk huwa pjuttost inkreduli kif wara l-isforzi kollha tal-imputat biex jara lill-uliedu, jghid lill-kwerelanta sabiex issa tgawdi lit-tfal;

7. Dawn ic-cirkostanzi kollha kellhom certament ikunu konsiderati mill-ewwel Qorti sabiex tasal ghall-konkluzzjoni li verzjoni minnhom ghandha aktar mis-sewwa mill-verzjoni l-ohra u fil-fehma ta' din il-Qorti d-decizjoni tal-ewwel Qorti ma tistax tkun abbraccjata b'serenita.

8. Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha taghmel konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji l-ohra. Ghalhekk qed thassar is-sentenza appellata u konsegwentement qed tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.